Artiklu 135, L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 22 ta' Novembru, 2002

## Il-Pressjoni tal-Gvern tikber

*Fattur bhal dan se jqieghed fuq il-Gvern prezenti piz iehor – li joghgob lilna l-Maltin daqskemm joghgob lill-EU. Din is-sitwazzjoni ma tinholoqx daqshekk jekk ir-rizultat tar-referendum ikun "le". Imma jekk ir-rizultat ikun "iva", il-Gvern ma jkunx jista' japplika mizuri horox fil-pajjiz biex jissodisfa l-Unjoni …*

*Imma sehh tajjeb ghall-poplu Malti li se jkollu l-opportunità jahsibha darbtejn dwar decizjoni li se tibdel il-gejjieni taghna b'mod drastiku.*

Il-loghba tal-Gvern Malti biex jilhaq idahhal lil Malta fl-UE u kemm jista' jkun jorbot gvernijiet futuri bid-decizjoni tieghu. Jidher li mhix se tkun xi xalata. Iktar ma jmur ix-xenarju li se jakkumpanja 'l din id-decizjoni politika ta' pajjizna qed jitlesta. M'ghandniex xi nghidu, ghall-Gvern stess, setghet gietu naqra ahjar! Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, Elezzjoni Generali, Referendum, Eghluq ta' Kapitli u Tkabbir ta' l-Unjoni – kollox bl-ultimatum.

Il-mazz tal-karti qed jinkixef bil-ftit il-ftit u min qieghed jilghab m'ghazilx il-karti kollha hu.

Din il-gimgha hadna l-ahbar li, fuq suggeriment tal-*COREPER* (il-"Kumitat tar-Rapprezentanti") ta' l-UE il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjizi membri ta' l-Unjoni Ewropea laqghu t-talba biex it-tkabbir li jmiss ta' l-UE jsir fl-1 ta' Mejju tal-2004 flok kif kien previst fl-1 ta' Jannar 2004.

Fost affarijiet ohra, dan ifisser li l-istennija tal-pajjizi applikanti biex isiru membri, iktar u iktar, il-purgatorju biex in-negozjati jimmaterjalizzaw ruhhom u d-decizjonijiet finali jkunu jistghu jittiehdu se jitwal. Qieghda nghid hekk, ghax fl-ahhar migja tieghu f'Malta, il-Kummissarju ghal-Tkabbir ta' l-UE kemm-il darba qalilna li ghandna nistennew halli naraw x'se jkun il-pakkett finali.

Ilna digà 10 snin nistennew u hsibna li l-aktar li konna se nistennew kien 12-il sena iktar. Issa hareg car li ma dawn is-snin kollha nistennew biex naraw x'nistghu niehdu u x'nistghu nkunu mitlubin naghtu ezattament lill-UE se jizdiedu mill-inqas erba' xhur. Ghalkemm il-proverbju Malti jghid 'min jistenna jithenna' hafna jaqilbuh ghal 'min jistenna jitherra'.

Jista' jkun li dawk li jsostnu l-verzjoni ta' l-ahhar, fejn ghandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet ta' Malta ma' l-UE, ghandhom l-aktar ragun. Ghalkemm min ghandu nteress jghid, li f'pajjizna hawn ic-certezza kien Verheugen innifsu li qal li ghandna nistennew halli l-affarijiet jiccaraw!

Dan kollu wara li hawn min xeba' jhambaq li bi shubija shiha nafu ezattament x'se jigri u l-pakkett hu definit.

Imma l-akbar problema li l-posponiment fid-data tat-"Tkabbir ta' l-Unjoni" se tohloq f'pajjizna hi ghall-Gvern innifsu u l-mod kif se jilghab il-loghba ta' x'jigi l-ewwel u x'jigi l-ahhar.

Dan il-posponiment ifisser li l-Gvern prezenti ma jistax idahhal lil Malta bhala membru ta' l-UE qabel ma jaghmel l-elezzjoni generali. Dan ghax l-elezzjoni ma tistax issir aktar tard mill-24 ta' Jannar ta' l-2004.

Dan ifisser li tista' tinholoq sitwazzjoni fejn anke jekk ir-referendum ikollu rizultat pozittiv imma l-PN ma jitlax fil-Gvern, il-process ghal shubja shiha se jigi abortit. It-triq ghall-Gvern b'dan il-mod twalet u giet aktar ghat-telgha. Dan ifisser li l-PN biex idahhal lil Malta fl-UE irid jirbah ir-referendum u l-elezzjoni.

L-aspett pozittiv minn dan kollu huwa l-fatt, li koincidenza bhal din se torbot ferm aktar minn qabel il-politika interna u dik esterna ta' pajjizna ghas-sentejn li gejjin.

Fattur bhal dan se jqieghed fuq il-Gvern prezenti piz iehor – li joghgob lilna l-Maltin daqskemm joghgob lill-EU. Din is-sitwazzjoni ma tinholoqx daqshekk jekk ir-rizultat tar-referendum ikun "le". Imma jekk ir-rizultat ikun "iva", il-Gvern ma jkunx jista' japplika mizuri horox fil-pajjiz biex jissodisfa l-Unjoni ezatt wara r-referendum.

Ghalhekk se tinholoq sitwazzjoni ta' bilanc fuq il-Gvern li torbotlu idejh li se tirrizulta, min-naha l-ohra f'karta f'idejn il-poplu li jerga' jirrevedi s-sitwazzjoni tieghu.

Fi kliem iehor, il-poplu Malta rebah karta lill-Gvern li tissarraf fi zmien ta' riflessjoni u opportunità biex jara kif se jagixxi l-Gvern Nazzjonalista taht id-direzzjoni ta' l-Unjoni.

Ghal ftit zmien, minn meta jsir ir-referendum sa meta ssir l-elezzjoni generali, jekk ir-rizultat ikun "iva", hemm tibda timmaterjalizza l-vera klima ta' kif tista' tkun hajjitna fl-Unjoni.

Il-poplu jkun jista' jesperimenta bl-attitudni tal-Gvern Nazzjonalista b'certezza li ghandu l-jedd tal-poplu li jissieheb fl-Unjoni u jkun jista' jara jekk il-Gvern Malti bi shubija shiha jibqax Gvern Malti jew jekk isirx pupu f'idejn l-Unjoni.

M'ghandniex xi nghidu, jekk il-Gvern Malti qed jaghti kaz l-iktar interessi taghna jew l-interessi ta' l-Unjoni digà jidher. Imma perjodu bhal dan joffrielna possibiltajiet ohra li nistghu nerghgu nahsbuha anke jekk ir-referendum ikollu rizultat ta' "iva".

Veru l-fatt li l-Gvern Nazzjonalista matul dan il-perjodu se jkun jaf li se jkollu jerga' jigi fil-gudizzju tal-poplu, f'qasir zmien se jtellef xi ftit mil-libertà psikologika tal-Gvern f'ambjent ta' l-Unjoni.

Imma sehh tajjeb ghall-poplu Malti li se jkollu l-opportunità jahsibha darbtejn dwar decizjoni li se tibdel il-gejjieni taghna b'mod drastiku.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*